SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV

Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 15/KA1/11

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 26/09/'11 15**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 26/09/'11 17**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 26 ta' Settembru 2011.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-12.00 p.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Chairperson Richard Scicluna
Il-Viċi-Chairperson Joe De' Conti Manduca
Membru Joseph Oliva
Il-Membru Carmel Agius
Il-Membru Mary Grace Scicluna

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar.

1.04 Preżenza tal-Pubbliku:- (2).

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-20 ta' Settembru 2011. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Triq Spinola
4. Ħinijiet tal-laqgħa
5. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 14/KA1/11 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Viċi-Chairperson ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.03 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

1.3.05 Il-Membru Carmel Agius wasal f'12.10p.m.

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| P434, K986 4873 K1138 & 5258 | Email mingħand it-Transport Malta rigward Coaches, weqfin jistennew fi Triq Ross. |
| P486 & P 508 | Email mingħand is-Sur Etienne Pavia rigward talba biex tiġi rilaxxata l-garanzija. |
| P498 | Email mingħand is-Sur David Soler rigward dħul minn kontravenzjonijiet – San Giljan u Paceville. |
| P502 | Email mingħand il-Kunsilliera Ms. Mary Grace Scicluna rigward xi xogħolijiet li hemm bżonn isiru ġo Paceville. |
| P513 | Talba mingħand is-Sur Mario Borg rigward konferma tal-Kunsill Lokali (Kumitat Amministrattiv Paceville) għall- |

applikazzjoni għal provvista temporanja tal-elettriku fi Triq Wilġa, Paceville.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P434, K986, 4873, K1138 & 5258

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand it-Transport Malta (TM) rigward coaches weqfin jistennew fi Triq Ross. Ġie deċiż unanimament li t-TM tiġi nfurmata li l-Kumitat qabel unanimament mal-proposti mniżżla fil-korrispondenza P434/11. KA0168/436/11-MC

2.03 Il-Kumitat qabel unanimament li tintbagħat ittra lil Street Naming Committee biex l-isem tat-triq *Dragonara Junction* jinbidel biex tiġi msemmiha Triq il-Kumitat Amministrattiv. Il-Viċi-Chairperson għandu jipprovdi ritratt tat-triq. Action was not taken since photos were not provided.

Rif. Nru. P486 & P508

2.04 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Etienne Pavia rigward talba biex tiġi rilaxxata l-garanzija. Il-Viċi-Chairperson ser jikkonferma sa' nhar il-Ħamis 29 ta' Settembru 2011 jekk ix-xogħol sarx tajjeb biex b'hekk tkun tista' tiġi rilaxjata l-garanzija.

Rif. Nru. P502

2.05 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kumitat li l-lista ta' ilmenti li ntbagħtet mill-Membru Mary Grace Scicluna nieqsa minn certi dettalji u għalhekk sakemm dawn jiġu ċċarati mhuwiex possibbli li tittieħed l-azzjoni fuq kull talba li saret.

2.06 Il-Membru Mary Grace Scicluna għandha tikjarifika dawn id-diffikultajiet.

2.07 Dwar il-Bus Stop li hemm fi Triq San Ġorġ hdejn ir-Restorant tal-kebabs ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lit-Transport Malta u lil Arriva biex terġa ssir t-tabella, u tiġi nfurzata, biex din il-Bus Stop tiġi *'Alighting Only'*. Dan minħabba l-konġestjoni tat-traffiku li qed jinġema. KA0168/436/0063/

2.08 Ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lill-Uffiċjal Awtorizzat is-Sur David Soler biex tittieħed l-azzjoni neċessarja minħabba li:

- Fi Triq San Ġorg kantuniera ma' Triq Gort, bejn il-Parapett Restaurant u l-Buco Cafeteria, qed ikun hemm il-karozzi pparkjati fejn mhux suppost. B'konsegwenza li qed jinħoloq konġestjoni tat-traffiku.

- Fi Triq il-Knisja qed jieqfu l-vannijiet f'nofs it-triq biex inniżżlu l-affarijiet għall-ħwienet. B'konsegwenza li qed jinħoloq konġestjoni tat-traffiku. KA 0170/194/11-MC

2.09 Ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lis-Segretarju Parlamentari tat-Turiżmu, l-Ambjent u l-Kultura, l-Onor. Dr. Mario Demarco LL.D biex ġewwa Paceville jsiru żewġ latrini b'erba' *restrooms* il-waħda – tnejn għan-nisa u tnejn għall-irġiel f'kull latrina. KA 0171/200A/08/11-MC

2.10 Rif. Nru. P513

Saret riferenza għat-talba mingħand is-Sur Mario Borg (li għandu permess ta' Hawker) rigward konferma tal-Kunsill Lokali (Kumitat Amministattiv Paceville) għall-applikazzjoni għal provvista temporanja tal-elettriku fi Triq Wilġa Paceville. Il-Kumitat ma sabx oġġezzjoni li l-applikazjoni tiġi ttimbrata, dment li għandu l-permessi kollha meħtieġa u ma jinħoloqx inkonvenjent għall-pubbliku.

2.11 Ġie deċiż unanimament li talbiet simili jingħatalhom permess bl-istess kundizzjonijiet.

2.12 Is-Sindku Peter Bonello ġie skużat fis-1.15p.m.

**3 Triq Spinola**

3.01 Il-Kumitat ġie ppreżentat bl-istejjem għar-resurfacing ta' Triq Spinola u għal xogħolijiet tal-bankini fi Triq Spinola (Ara Appendiċi 'A' u 'B' rispettivament).

3.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li mill-fondi disponibbli jsir ir-*resurfacing* tat-Triq Spinola filwaqt li f'laqgħa oħra tittieħed deċiżjoni dwar il-bankini.

**4 Ħinijiet tal-laqgħa**

4.01 Ġie deċiż unanimament li l-laqgħa tal-Kumitat tibda ssir fis-6.00 p.m. u tkun l-aħħar Tnejn tax-xahar.

4.02 Il-Membru Carmel Agius ġie skużat fis-1.30 p.m.

**5 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

5.01 Reġgħet inġibdet l-attenzjoni tal-Kumitat bid-diffikulta li għandha l-amministrazzjoni biex tittieħed azzjoni dwar l-iskips privati li fadal ġo xi toroq ġewwa Paceville minħabba nuqqas ta' informazzjoni min-naha tal-Kumitat.

5.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kumitat jipprovdi ritratti, l-ismijiet tat-toroq ta' fejn hemm l-iskips u d-dettalji ta' min qed jagħmel użu minnhom. Dan sabiex din l-informazzjoni tintbgħat lill-Avukat tal-Kunsill biex jingħata parir legali u tittieħed kull azzjoni neċessarja biex ikunu jistgħu jittneħħew dawn l-iskips. No info. given as yet.

5.03 Is-Sindku Peter Bonello wasal fis-1.40 p.m.

**6 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'C) u ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

6.02 Il-Viċi-Chairperson issekondah

6.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 110 sa nru. 122 għall-approvazzjoni (Ara appendiċi 'D').

7.02 Il-Membru Mary Grace Scicluna ppproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

7.03 Iċ-Ċermen issekondaha

7.04 Din il-mozzjoni għaddiet għall-votazzjoni fejn zewġ membri vvutaw favur filwaqt li ż-żewġ membri l-oħra vvutaw kontra.

7.05 Hawnhekk iċ-Ċermen uża l-*casting vote* u vvota favur. Għalhekk il-Purchase Request Sheets ġew approvati.

7.06 Ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa mal-kuntrattur li jagħmel il-marki tat-toroq biex l-Kumitat jiddiskuti x'possibilitajiet hemm biex dawn il-marki jservu aktar. Meeting is to be held on Friday 11th November 2011 at 12 15 pm near La Maltija Restaurant (roundabout)

7.07 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fis-2.15p.m.

27/10/11

**Richard Scicluna**
**Chairperson**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**